MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 438/2004

**Joseph Falzon**

**vs**

**Gary James Hunter**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Frar, 2004 fejn intqal peress illi fl-4 ta' Dicembru 2001, fi Triq Kola Xara, Rabat, Malta, ghall-habta tas-6:00p.m., sehhet kollizzjoni bejn il-vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-Numru tar-Registrazzjoni BBH 219, di propjeta' ta' l-attur u l-vettura tal-marka Hyundai Lantra bin-Numru tar-Registrazzjoni JBA 025 di propjeta' u misjuqa mill-konvenut.**
**Peress illi tali kollizzjoni sehhet b'tort esklussiv tal-konvenut minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas**

**ta' hila u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.**
**Peress illi b'konsegwenza ta' tali kollizzjoni l-attur sofra danni fil-vettura di propjeta' tieghu, ghal liema danni huwa responsabbli lejn l-attur il-konvenut, kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Peress illi, d-danni sofferti mill-attur fil-vettura di propjeta' tieghu jammontaw ghal tlett mija erbgha u tmenin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm384.61), kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Peress illi nonostante diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas, inkluza ittra ufficjali datata 14 ta' Novembru, 2003, il-konvenut baqa' nadempjenti u ma hallasx id-danni minnu dovuti lill-attur.**
**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal ghandux:**
**1. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-konvenut huwa unikament responsabbli minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut ghal kollizzjoni li sehhet fl-4 ta' Dicembru, 2001 fi Triq Kola Xara, Rabat Malta ghal habta tas-6:00p.m., bejn il-vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni BBH 219 di propjeta' ta' l-attur u l-vettura tal-marka Hyundai Lantra bin-numru tar-registrazzjon JBA 025 di propjeta' u misjuqa mill-konvenut;**
**2. Jiddikjara u jiddecidi li l-konvenut huwa responsabbli lejn l-attur ghad-danni sofferti mill-istess attur fil-vettura di propjeta' tieghu di konsegwenza ta' tali kollizzjoni;**
**3. Tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija erbgha u tmenin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm384.61) rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur fil-vettura di propjeta' tieghu konsegwenza ta' l-imsemmija kollizzjoni;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Novembru, 2003 u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz, u bl-imghax legali dekorribbli skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt gha-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut pprezentata fid-9 ta' Marzu, 2004 fejn intqal illi:**
**1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li kien l-attur stess li b'negligenza, traskuragni, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku kkawza l-incident in kwistjoni;**
**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet ta' l-attur rigward l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghaldaqstant huwa kontestat;**
**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' WPS Liliana Mifsud, Joseph Falzon, Karen Vella, Charles Dimech, Wallace Falzon, Profs Gary James Hunter u Dr Therese Hunter. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kawza tirrigwarda ncident li sehh fl-4 ta' Dicembru, 2001 fi Triq Kola Xara, Rabat ghal habta tas-6:00p.m.,bejn il-vettura BBH 219 misjuqa mill-attur u l-vettura JBA 025 misjuqa mill-konvenut.**
**2. Jirrizulta illi Triq Kola Xara hija triq pjuttost dejqa u dritta u twila li tiehu vetturi fiz-zewg direzzjonijiet pero' peress li jkun hemm vetturi parkeggjati fuq naha tat-triq dina fir-realta tispicca karreggjata wahda bil-vetturi li jridu jcedu lil xulxin biex jghaddu.**
**3. Jirrizulta li l-attur kien gej kif indikat fl-sketch Dok LM 1 filwaqt li l-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta. Skond l-attur il-konvenut, meta gew wicc imbwicc il-konvenut qala' ghal fuqu, filwaqt li hu kien ser jidhol f'parking space biex il-konvenut ikollu minn fejn ighaddi. Jigi rilevat illi l-attur ma qabilx ma' l-iskizz dwar it-tul tat-triq. L-attur intlaqat fuq quddiem fil-faccata bil-hsara fin-nofs. Skond l-attur fil-mument tal-habta hu kien qed jieqaf.**
**4. Karen Vella passiggiera ma' l-attur tghid li kienu ppruvaw jidhlu fil-parking space sabiex jghaddi l-**

**konvenut, meta l-konvenut baqa' diehel fihom. L-istess xhud tghid illi l-konvenut ammetta t-tort anke quddiem il-pulizija.**
**5. Tali ammissjoni ma tirrizultax la mir-road accident report esebit Dok LM 2, lanqas mix-xhieda ta' l-istess WPS 171 Liliana Mifsud, ghalhekk it-Tribunal ma jistax jaghti wisq kredibilita' ghal dak li qed tghid Karen Vella.**
**6. Il-konvenut xehed illi hu kien waqaf hdejn il-vettura li tidher indikata bhala parkeggjata fid-Dok LM1 u ra l-vettura ta' l-attur gejja minn faccata li bdiet timmanuvra biex tidhol fil-parking space. Jirrizulta illi f'ebda mument l-attur ma waqaf. Skond il-konvenut l-attur flok ma naqqas accelera u sehhet il-kollizzjoni.**
**7. Fic-cirkostanzi tenut kont tax-xhieda mismugha z-zewg sewwieqa kellhom obbligu li jsuqu bl-akbar prudenza anke in vista tal-fatt illi hemm hekk il-post huwa pjuttost dejjaq kif jirrizulta mir-ritratti Dok JF 1 u JF 2. Kien fl-obbligu ta' kull wiehed mis-sewwieqa li jaccerta ruhu x'ser jaghmel is-sewwieq l-iehor. Il-vettura ta' l-attur kellha l-hsarat proprju fin-nofs. Dana l-fatt jimmilita' kontra illi l-attur kien gia miksur biex jidhol fil-parkegg. Jidher illi dak illi gara kien fil-fatt illi z-zewg sewwieqa hasbu li kull wiehed minnhom ser icedi bil-konsegwenza li z-zewg sewwieqa saqu l-quddiem u ghalhekk sehhet il-kollizzjoni. Konsegwentement kull wiehed huwa responsabbli fi grad indaqs ghall-incident li sehh.**
**8. Bhala danni jirrizulta illi dawna huma fl-ammont mitlub u dana skond id-Dok CC1(Dok R5), d-Dok R6 .**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jiddikjara l-partijiet responsabbli ghall-incident fi grad ugwali u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija tnejn u disghin lira u tletin centezmu (Lm192.30). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum.**

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------